95

ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Rif Ta' l- Awtorita: HS1204/97**
**GN241/97**
**(Deskrizzjoni tal- Proposta: *Request for Descheduling.*)**
**(*Sit*:73, Triq il-Parrocca, Mqabba)**
**(*Rif Taghna*: RM591/21 ABRM344/18)**
**(*Rif Tribunal*: N/A)**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 MAR 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Miriam Briffa**

*-vs-*

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**



**Rikors tal-appellant**
**Data: 10.03.2023**

---

1. Illi permezz ta' *e-mail* datata 9 ta' Frar 2023, l-appellanta giet notifikata bis-smiegh tas-seduta quddiem il-Kunsill Ezekuttiv (ara **Dokument RM1** fl-anness) sabiex tigi diskussa t-talba taghha dwar *'Descheduling of 73, Triq il-Parrocca, Mqabba (scheduled at Grade 1)'* (ara **Dokument RM2** fl-anness);

2. Illi din it-talba kienet tiffoka limitatament fuq id-de*scheduling* (minn Grad 1 ghal Grad 2) tal-konfini murija bl-ahmar f'**Dokument RM3** fl-anness;

3. Illi fis-seduta li nzammet nhar il-21 ta' Frar 2023, il-Kunsill Ezekuttiv laqa' t-talba tal-appellanta sa fejn kien jirrigwardja l-imsemmija talba ghad-*descheduling*.

*Detto questo,* il-Kunsill iddecieda li, f'nifs wiehed, jiskeda (fi Grad 2) ukoll il-kumplament tal-konfini tal-fond li qed jigu markati bil-kulur ahdar f'**Dokument RM3** fl-anness;



4. Illi l-appellanta thossha aggravata mid-decizjoni suesposta ghas-segwenti ragunijiet:

**4.1 L-EWWEL AGGRAVJU: Il-Kunsill Ezekuttiv inqeda b'talba ghal *descheduling* biex iddecieda li jwettaq *scheduling***

4.1.1 Illi huwa legalment u fattwalment kontradittorju kif il-Kunsill Ezekuttiv wettaq skedar ta' konfini meta t-talba li kellu quddiemu kienet appuntu ghal *descheduling*, terga' w'tghid, f'konfini differenti minn dawk li effettivament gew issa skedati ghall-ewwel darba;

**4.2 IT-TIENI AGGRAVJU: Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, m'hemm xejn x'jimmerita l-iskedar fit-tieni grad tal-parti li giet skedata bid-decizjoni tal-Kunsill Ezekuttiv**

4.2.1 Illi l-konfini markati bil-kulur ahdar fil-pjanta markata f'**Dokument RM3** fl-anness u li issa gew skedati fit-tieni grad b'decizjoni tal-Kunsill Ezekuttiv, jinkludu estensjoni strutturali li nbniet f'dawn l-ahhar tletin sena u, b'hekk, ma kienx hemm wisq x'tiskeda. Infatti, kif jixhdu r-ritratti f'**Dokument RM4** fl-anness, din l-estensjoni tikkonsisti f'gebel tal-franka u soqfa tal- konkos. *Kwindi*, l-konfini

markati bil-kulur ahdar fil-pjanta markata f'**Dokument RM3** ma kienu jimmeritaw qatt li jigu skedati.



## 5 TALBA

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-appellanta titlob umilment lil dan it- Tribunal sabiex jikkonferma l-ordni, sa fejn biss din hija limitata ghall-bidla minn dak li kien Grad 1 ghal Grad 2.

**Dr Robert Musumeci**
LL.B., LL.D., B.E.&A.(Hons.), M.Sc.(Cons.Tech.), Ph.D. *in* Development Planning Law, Perit

## 6 LISTA TA' DOKUMENTI

- **Dokument RM1:** Kopja tan-notifika bis-smiegh tas-seduta quddiem il-Kunsill Ezekuttiv
- **Dokument RM2:** Talba tal-appellanta ghal *Descheduling of 73, Triq il-Parrocca, Mqabba (scheduled at Grade 1)*
- **Dokument RM3**: Pjanta li turi l-konfini
- **Dokument RM4:** Ritratti
- **Dokument RM5:** L-ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell